**16 ta' Jannar, 1967**

**Imħallef:**

**Onor. V.R. Sammut, B.A., LL.D.**

Concetta armla Cutajar

*versus*

Professor Carmelo Robinich

**Żgumbrament — Mandat ta' — Sentenza — Esekuzzjoni ta' — Numru żbaljat — Żball — Bieb.**

*F'din il-kawża l-attur talab li n-numru tal-bieb li kien jidher fis-sentenza ta' żgumbrament relativa kien dak uffiċjali, u għalhekk it-tibdil li l-konvenut għamel f'dak in-numru qabel dik is-sentenza ma setax jintralċja l-mandat maħruġ in esekuzzjoni tagħha. Il-Qorti ċaħditilha li dina t-talba ma ġietx pruvata.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni illi biha l-attriċi — **premes-**

sa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun — premess illi b'sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera fil-kawża fi-istess ismijiet mogħtija fil-11 ta' Ġunju, 1961 l-*attriċi* otteniet l-iżgumbrament tal-konvenut mill-post numru 17, Cachia Zammit Street, Birzebbugia; u premess illi meta l-*Marixall* esekutur tal-mandat ta' żgumbrament mar fuq il-post sabu immarkat bin-numru 2 fuq dak 17 u ma setax jeżegwixxi l-istess mandat; u premess li l-istess Bord b'deċiżjoni tiegħu tas-27 ta' Lulju, 1961 ordna li l-istess mandat jiġi sospiż sakemm il-Qorti kompetenti tiddeċidi jekk l-istess mandat jistax jiġi eżegwit fuq il-fond okkupat mill-konvenut u *li fuqu* saret il-kawża ta' żgumbrament (Dok. A eżibit maċ-ċitazzjoni); u premess li l-fond okkupat mill-konvenut huwa uffiċjalment numru sbatax (17) u kull numru fuqu huwa ħażin u sar mingħajr ebda dritt fil-liġi, talbet li, għar-raġunijiet premessi jiġi dikjarat minn din il-Qorti illi l-fond li minnu ġie kundannat jiżgombra l-konvenut iġib uffiċjalment in-numru 17 u l-ebda numru ieħor. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Rat id-*dikjarazzjoni* tal-attriċi u n-nota tax-xhieda tagħha;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal illi l-attriċi m'għandhiex interess li tipproponi l-azzjoni kif ipproponietha; l-interess li għandha huwa dak li tipproponieha skond id-digriet tal-Bord, ċioè fi t-termini li l-mandat jista' jiġi esegwit fuq il-fond okkupat mill-intimat u li fuqu saret il-kawża quddiem il-Bord tal-Kera deċiża fit-18 ta' April, 1961. Salvi eċċezzjonijiet oħrajn jekk ikun il-każ;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Hadet konjizzjoni tal-proċess;

Semgħet l-Avukati;

Ikkunsidrat;

Din il-kawża nqalget in konsegwenza ta' dik għar-ripresa tal-pussess quddiem il-*Bord* tal-Kera.

Il-konvenut (l-intimat fil-kawża quddiem il-Bord) iddikjara illi fil-kors ta' dik il-kawża, u qabel ma ngħatat is-sentenza tal-Bord, neħħa n-numru 17, li kien hemm fuq il-bieb u minfloku għamel in-numru 2. Dan sar, qal, għaliex, il-bieb ta' l-isfel minnu kien iġib in-numru 1A u ta' qablu kien iġib in-numru 1, u dak ta' 'l fuq mill-*fond* in kwistjoni kien iġib in-numru 3, u l-oħrajn ta' wara jibqgħu sejrin b'numri progressivi. Fl-istess triq, qal, hemm post li jġib in-numru 17, in-naħa l-oħra tat-triq.

Piju Cassar, hu l-attriċi, iddepona li l-fond in kwistjoni hu bieb ma bieb mal-*fond* fejn kien joqgħod hu, bin-numru 16; u l-attriċi qalet illi wirtet il-*fond* fil-1933 u meta krietu lill-konvenut fl-irċevuta għamlitlu n-numru 17 l-għaliex hekk kienet wirtietu.

L-ispettur tal-Pulizija Salvatore Aquilina xehed illi min riċerki li għamel mis-sena 1933 l-hawn ma sab xejn fuq tibdil ta' numri, (fis-sens li uffiċjalment ma ġiex awtorizzat xi tibdil ta' numri). L-Ispettur Paul Mamo iddikjara li vverifika fil-gazzetta tal-Gvern kollha mill-1947 'l hawn, u qatt ma sar tibdil fin-numri tal-bibien f'Cachia Zammit Street.

L-Ispettur tal-Pulizija Arthur Spiteri xehed fis-27 ta' Lulju, 1961 quddiem il-Bord tal-Kera, fil-proċeduri konnessi mal-mandat ta' *żgumbrament*, illi n-numru li hemm attwalment f'dik it-triq huma antiki ħafna, u mir-records tal-Pulizija jirriżulta li mill-1945 'il hawn ma sar ebda kambjament fihom.

Bil-verbal a fol. 57 u b'dawk a fol. 63 u 66 l-Avukati tal-partijiet qablu li n-numru ta' qabel il-fond in kwistjoni huwa llum 1A, il-fond ta' warajh huwa bla numru, segwiet minn fond iehor numru 4 u remissa numru 5 imbagħad fond iehor bla numru, imbagħad fond numru 8, u wara hemm raba'; u n-numerazzjoni tkompli fuq in-naħa l-oħra tat-triq, fejn hemm rimessa numru 17 viċin il-lukanda ta' Dowdall.

Ikkunsidrat;

It-talba hija biex jiġi dikjarat illi n-numru uffiċjali tal-fond in kwistjoni huwa 17 u mhux 2 — dikjarazzjoni illi l-attriċi għandha interess li jkollha in vista tad-digriet tal-Bord tal-Kera a fol. 4.

Mill-provi prodotti jidher illi qabel il-konvenut kiteb in-numru 2 fuq il-fond, dan kien varjament indikat bħala numru 17 u bħala numru 2, apparti x'kien in-numru uffiċjali (ara dokumenti a fol. 17 u 37, u kontijiet tal-Water and Electricity Department u Derequisition Notice annessi mal-proċeduri tar-rikors ta' wara l-mandat ta' żgumbrament quddiem il-Bord tal-Kera definiti bid-digriet fuq imsemmi).

Ma jirriżultax però liema min dawn iż-żewġ numri kien dak uffiċjali, jiġifieri dak assenjat lil fond skond il-Liġijiet tal-Pulizija peress illi r-riċerki magħmulin minn l-Ispetturi tal-Pulizija li xehdu huma limitati fiż-żmien.

Għaldaqstant:

Tiddeċidi billi tiddikjara illi t-talba ma hijiex pruvata. L-ispejjeż ma jiġux taxxati.